# Il-Mixegħla bit-Tazzi taż-Żejt

Guido Lanfranco



Fl-aħħar nofs tas-seklu dsatax, filwaqt li kien hemm il-fjakkoli tal-fuħħar, bdew deħlin it-tazzi taż-żejt għall-mixegħla esterna għall-festi jew okkażjonijiet oħra speċjali. Ġa kien hemm mixegħla fil-knejjes biż-żejt minbarra li kienu jużaw ħafna xemgħa. Iżda ż-żejt kien ikun f'imsiebaħ tal-fuħħar jew taċ-ċeramika u jekk kellhom magħhom tazzi tal-ħġieġ, dawn ma kinux minn dawk għat-tiżjin ta' barra. F'diversi kitbiet niltaqgħu ma' notamenti dwar mixegħla fil-knejjes biż-żejt, bħalma sar, insemmu b-eżempju, fl-1739 fil-festa tal-Bambina f'Bormla u, fl-1761, f'Ħal Tarxien.

Tiżjin bit-tazzi taż-żejt fuq barra daħal fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Ma ninsewx li f'dak is-seklu kienet qamet dik li bdiet tissejjaħ ir-rivoluzzjoni industrijali, meta vvintaw magni jaħdmu bl-istim, u ħafna xogħlijiet u snajja' li qabel kienu jsiru bis-saħħa tal-idejn, issa bdew isiru bil-magni. Dan wassal biex bosta utensili u oġġetti oħra bdew isiru bil-*mass production* u bdew joħorġu aktar numerużi f'qasir żmien, bi prezzijiet baxxi li jintlaħqu minn kull kategorija ta' nies. Fost affarijiet oħra kien possibbli li jsiru eluf ta' tazzi tal-ħġieġ, trasparanti jew matti kollha lwien li malajr bdew jidħru jsebbħu l-festi tagħna.

## It-tazza

Kull tazza kienet ibbuzzata fit-tond li jkollha għafsa fil-għonq biex tispiċċa bix-xoffa maqluba 'l barra. Din l-għafsa fil-għonq tat-tazza ma kinetx biss aspett dekorattiv, imma kienet indispensabbli biex idawru magħha biċċa passaperla li tispiċċa b'ħolqa f'ġenb it-tazza biex din tista' tiddendel fejn ikun hemm bżonn. Dawn it-tazzi ma kinux jirranġawhom fuq xfar, xkafef jew gwarniċuni, għax kienu jtiru mar-riħ jew jinqalbu malajr, imma kienu dejjem idendluhom bil-passaperla fuq qafas dekorattiv tal-ħadid jew tal-injam. F'ħafna festi, minflok pavaljuni kienu jdendlu t-tazzi fit-toroq skjarati f'disinji attraenti, ukoll f'għamla ta' linef imdendlin jew f'idejn anġli fuq il-kolonni. Bl-ilwien imqabbla apposta u maħsuba minn qabel, kienu jagħtu dehra mill-aktar sabiħa.



Tazzi u ċ-ċimblor

## Armar

Eluf ta' tazzi kienu jinkrew mingħand kuntrattur jew aġent li kien ikollu n-nies tiegħu mħarrġin apposta biex jarmaw u jixegħlu t-tazzi taż-żejt fil-festi. Għad hawn familji li nieshom kienu jaħdmu fl-armar tat-tazzi, fosthom għad hemm, b'eżempju, familja f'Ħaż-Żebbuġ li jafuhom bħala "Tat-tazzi". Meta t-tazzi jkunu kollha mdendlin mad-disinji fuq il-faċċata tal-knisja, kolonni u matul it-toroq kien imiss li jimlewhom sa nofshom biż-żejt. Għal dan ix-xogħol kienu jużaw is-sellum, imma għall-faċċati tal-knejjes kien hemm irġiel tal-prattika li jiddendlu minn fuq għal isfel, jitbandlu u jiċċaqalqu skont il-bżonn waqt li jferrgħu iż-żejt minn ġo landa jew kanna apposta. Għal min jaħdem bis-sellum din il-landa jkollha ganċ biex jaqbad u jserraħ mal-iskaluni.



Landa jew kanna taż-żejt

## Iċ-ċimblor

F'kull tazza kienu jdaħħlu ċimblor. Dan kien ikun magħmul minn biċċa landa mibruma qisha sigarett u lejn it-tarf t'isfel il-landa kienu jqasqsulha tlitt ixquq biex joħorġu 'l barra bħal saqajn ta' tripied u ċ-ċimblor jieqaf fuqhom. Fit-tubu taċ-ċimblor idaħħlu ftila u jitqiegħed ġewwa t-tazza.

Biex jixegħlu l-ftejjel kienu jilħqu t-tazzi bil-ħbula jew bis-sellum u jużaw landa magħmula apposta. Din il-landa kienet ta' għamla konika. Kellha żernuna twila u dejqa bi ftila ġo fiha. Kienu jimlew din il-landa bil-



pitrolju u jixegħlu l-ftila tagħha. Biex jixegħlu ċ-ċimblor kienu jqattru qatra pitrolju fuqu. Billi l-pitrolju jkollu jgħaddi minn ġol-ftila taż-żernuna, li tkun mixgħula, il-qatra pitrolju toħroġ taqbad qisha lsien tan-nar, issib il-ftila taċ-ċimblor u din tixgħel fit-tazza.

## Eżempji

Tazzi kien hemm minn kull lewn, imma minbarra l-ħġieġ ordinarju kien hemm ukoll oħrajn jgħidulhom tal-kristall. Insemmu ftit eżempji. Fl-1855 il-knisja u t-toroq ta' Birkirkara kienu kollha mixgħulin bit-tazzi, u s-sena ta' wara tal-knisja kienu tal-kristall. Fil-festi tal-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema jitfakkar li fl-1888 kellhom tazzi jżejnu t-toroq ta' qrib il-knisja, u sal-1893 kellhom kull lewn mal-faċċata tal-knisja u mat-toroq kollha tal-proċessjoni.

Għal xi festi fil-Belt, mhux biss it-toroq, imma wkoll il-kolonni tal-bibljoteka u xi bini ieħor kienu jiżżejnu bit-tazzi. Għaċ-ċentinarju ta' San Pawl li kien sar fl-1858, il-bibljoteka kienet imżejna kif semmejna, u f'toroq prinċipali ntużaw eluf ta' tazzi, fost oħrajn 15,000 tazza fi Triq Rjali (issa Triq ir-Repubblika), l-istess fi Triq Merkanti u 20,000 fi Triq San Pawl. (F'dak iż-żmien kienu għadhom bl-ideja li San Pawl ġie Malta fis-sena 58, imma sa nofs is-seklu għoxrin saru studji oħra u ġiet definita bħala s-sena 60, għalhekk wara saru l-festi ċentinarji fl-1960) Okkażjoni speċjali oħra kienet meta fl-1863, l-Għawdxin laqgħu lill-isqof ġdid tagħhom, Michele Buttigieg; minbarra kull xorta ta' manifestazzjonijiet u tiżjin, kellhom mixegħla ta' eluf ta' tazzi taż-żejt.

Id-definizzjoni tad-domma tal-Immakolata saret fit-8 ta' Diċembru 1854, u wara, bħala eżempju, insemmu li mit-12 sal-14 ta' Jannar, f'Bormla, saru festeġġamenti u kellhom kullimkien armat bit-tazzi, inkluż l-ark trijonfali gotiku li tellgħu għall-okkażjoni.

Okkażjoni speċjali oħra meta użaw eluf ta' tazzi taż-żejt kuluriti, kienet mis-6 sal-10 ta' April 1876 meta l-Prinċep ta' Wales wasal wasla sa Malta. Piazza San Giorgio, jew il-*Main Guard*, kienet kollha mżejna bihom f'disinji mill-isbaħ, bit-tazzi ukoll jiffurmaw il-kliem *Welcome Albert Edward Prince of Malta* fuq xifer il-bini kantuniera ma' Triq it-Teatru. Il-pittur Girolamo Ganni għamel tpinġija li tfakkar din il-ġrajja u juri sewwa din il-mixegħla li qed insemmu.

## Piramidi


Il-landa li tqattar pitrolju jaqbad fuq iċ-ċimblor

L-aktar fis-seklu dsatax u għoxrin niltaqgħu ma armar bid-dwal fil-festi li fih il-fjakkoli jew tazzi kienu jiffurmaw disinn għamla ta' piramida. Nistgħu nsemmu li mal-faċċata tal-knisja ta' Ġieżu tar-Rabat, fil-festa ta' San Ġużepp kienu jagħmlu piramidi tal-ħadid, u fl-1845 fuqhom għamlu globi tal-ħġieġ u dwal biż-żejt. Fost mixegħla għall-festi tal-Katidral, kienu jarmaw piramidi tal-ħadid mal-ħitan f'xi toroq tal-Imdina u fuqhom kienu jarmaw fjakkoli li, fost oħrajn, jiffurmaw disinji bil-vampa u l-lifgħa ta' San Pawl. Ukoll, il-fratellanza tas-Sagrament għand id-Dumnikani tal-Belt, fl-1875, meta ċċelebraw it-300 sena tagħhom, isselfu 18-il piramida mill-Furjana; u kienu mixgħula bi kważi elfejn tazza taż-żejt kollha mlewwnin. Il-bibien kienu mixgħulin bil-gass. Jissemmew fiż-Żurrieq, mill-fratellanza tal-Karmnu, il-piramidi kollha emblemi, flimkien ma' ark trijonfali li kienu kollha mdawwla bit-tazzi taż-żejt imlewna. Fost tiżjin għaċ-ċentinarju ta' San Pawl tal-1858, li semmejna aktar fil-bidu, kienu wkoll armaw piramidi bil-fjakkoli fit-toroq prinċipali u fil-pjazez.

## Sa nofs is-seklu 20

Nistgħu ngħidu li kullimkien bdew jużaw it-tazzi għad-dwal tal-festi. F'xi mkejjen kienu ikollhom kemm il-fjakkoli kif ukoll it-tazzi. Fil-bidla tas-sekli 19 u 20 kien hawn apparat għal mixegħla bil-gass tal-aċitelena. Kien daħal ukoll il-gass l-ieħor għat-tisjir u d-dawl, gass li kien kien jgħaddi minn pajpijiet taċ-ċomb u kellu ċ-ċentri tiegħu fil-Marsa u fil-Kalkara. Sadattant fl-aħħar snin tas-seklu dsatax beda l-elettriku jservi l-Belt u l-Furjana u wara kompla jinfirex f'postijiet oħrajn. Imma l-elettriku mhux kullimkien laħaq fl-istess żminijiet. Kien hemm djar u knejjes li sas-snin erbgħin kien għad m'għandhomx dik il-faċilità. Fost oħrajn nistgħu ngħidu li l-faċċata tal-knisja ta' Ħal Balzan, bħala eżempju, damet tiżżejjen bit-tazzi sal-1949, għalkemm ġa kellhom l-elettriku fl-1925. Mill-1950 t-tazzi bidluhom ma' xi 800 bozza tal-elettriku.

Minn dak li rajna nistgħu nissoponu kemm żmien u xogħol kien hemm bżonn għall-armar u l-funzjonament tal-mixegħla ta' dari; issa tqabbad tifel jagħfas swiċċ u f'sekonda jixgħel jew jitfi kullimkien!